# CLOSING ADDRESS

The Hon. EDWARD FENECH ADAMI, BA, LLD, MP,
Prime Minister

Mr. Chairman,

L-ewwelnett, irrid nistqarr il-pjacir tieghi li nkun hawn fostkom, u s-sodisfazzjon meta nara li l-Institute of Management u d-Department of Public Policy ta' l-Universita' iddecidew li jsir dan il-forum. Ftit gimghat ilu kelli okkazjoni nitkellem u wrejt dakinhar id-dispjacir tieghi li minkejja l-fatt li l-Gvern iddecida li r-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-Riforma tas-Servizz Pubbliku jaghmlu pubbliku, ftit li xejn kien hawn diskussjoni, ftit li xejn kien hawn reazzjoni ghal dak ir-rapport. Niehu pjacir li f'dawn il-jumejn ltqajtu u esprimejtu l-opinjonijiet taghkom, li, naturalment, ma kienux kollha la konformi mar-rapport u lanqas konformi bejnietkom, u dak huwa ezattament l-ezercizzju li nixtiequ li naraw isir.

Jiena rrid nghid li, meta l-Gvern iddecida li jwaqqaf il-Kummissjoni, dan ma kienx att ta' sfiducja fis-servizz pubbliku. Ghall-kuntrarju, kien att ta' fiducja fis-servizz pubbliku, ghax dak li ridna dakinhar, li rridu issa, u li flimkien issa rridu nattwaw hija r-riforma tas-servizz pubbliku. Forsi l-kelma 'A New Public Service for Malta' mhix id-deskrizzjoni preciza. Min kitibha ghandu f'rasu - u jiena naqbel perfettament - li nixtiequ naraw

riforma fil-fond, riforma radikali, riforma illi l-opinjoni pubblika f'pajjizna, u nahseb ahna lkoll, konxji li hemm bzonnha.

Hemm bzonnha, l-ewwelnett, ghaliex iz-zminijiet jinbidlu, u bilfors illi z-zminijiet ta' llum jitolbu servizz pubbliku differenti minn ta' qabel. Il-lejla saret mistoqsija fl-ahhar fuq l-informatika: x'programm ghandu l-Gvern. Hemm programm li jrid jghinna biex nirkupraw ghall-hafna zmien li tlifna. Irridu naghmlu l-affarijiet bil-ghaqal, b'mod efficjenti, affarijiet, naturalment, li ftit ta' snin ilu ma kienux affarijiet attwali. Irridu verament nippreparaw irwiehna ghas-sistemi godda li jirrikjedu l-oneri godda li pajjizna ha, partikolarment bhala pajjiz sovran, u partikolarment bl-izviluppi li kuljum pajjizna ghaddej minnhom.

Hazin hafna jekk ikun hawn xi hadd li jhares lejn dan ir-rapport, u l-iskop tar-rapport, bhala semplici 'regrading exercise', jew ghar, bhala sempliciment ristrutturazzjoni tal-pagi. Naturalment dawn huma zewg elementi li jinteressaw lil kulhadd. Izda, fil-fehma tieghi, dawn ghandhom jigu waranett fil-konsiderazzjonijiet taghna, mhux ghax il-Gvern mhux konxju tal-htiega li nies li jaghtu servizz lil pajjizna, u li minghajru l-pajjiz ma jistax jimxi, ma ghandniex naghtu kaz verament mill-iktar li nistghu ta' dawn il-htigijiet. Ghalija jigi sekondarji fis-sens li l-ewwel irridu nharsu bhala l-iskop primarju ta' dak li qed naghmlu, kif se jkollna servizz pubbliku li jaghti s-servizz li l-pajjiz jitlob minnu. Huwa piz kbir!

Jien ghidt li z-zminijiet jinbidlu. Niftakar li kien hemm zminijiet meta lkoll konna nghidu li min jahdem fis-servizz pubbliku, kellhom statura - aktar milli status - ta' nies efficjenti, ta' nies kapaci, ta' nies 'who can deliver', ta' nies ta' integrita' kbira. U llum x'inhu s-servizz pubbliku? Zgur li ghad fih nies - u hafna - ta' integrita' kbira; u zgur li ghad fih hafna nies ta' efficjenza. Dan ma niddubitahx. Anzi jiena, bhala Prim Ministr ta' dan il-pajjiz, nirringrazzja lill-hafna nies li issa wkoll ghadhom jaghtu l-ahjar servizz, servizz efficjenti, servizz b'integrita' kbira. Pero', ghaliex dan jezisti ma jfissirx li m'ghandniex naraw il-htiega ta' riforma u, kif ghidt, riforma radikali f'pajjizna.

Il-qofol ta' din ir-riforma ghalija ghandha kelma wahda biss: fiducja f'xulxin - 'trust'! Nahseb li hafna mill-gwaj li pajjizna jinsab fih - is-servizz pubbliku inkluz - hija l-isfiducja li, ghal ragunijiet li m'hemmx ghalfejn nidhlu fihom, inholqot.

Issemma hawn fil-prezenza tieghi, jissemma fir-rapport stess, issemma fl-Operations Review, id-diffikulta' li hawn bejn zewg partijiet li kultant hawn min ihares lejhom bhala antagonistici ghal xulxin. Qed nghid ghas-sehem tal-politici u ta' dawk li huma fis-servizz pubbliku.

Niftakar li hadt parti f'forum l-Universita fl-1975, ftit wara li kienet ghaddiet l-Interpretation Act fil-Parlament Malti. Kien hemm mistednin politici miz-zewg nahat; jiena kont membru tal-Oppozizzjoni. Qajjimt il-kwistjoni tal-Interpretation Act u ghidt li, meta dik il-ligi tghid li kull diskrezzjoni ezercitabbli minn kull

kap ta' dipartiment, fil-fatt hi ezercitabbli f'isem il-ministru li jkun, fis-sens li l-ministru jezercitaha hu - jista' jiddelega pero' ghandu d-dritt f'kollox jezercitaha hu direttament dik id-diskrezzjoni - dan bilfors se jkollu effett negattiv fuq kif jiffunzjona s-servizz pubbliku.

Nahseb illum irridu nergghu naghtu sens ta' fiducja, minn naha tal-politiku lill-ufficjal pubbliku, u anki bil-maqlub: ghaliex, sfortunatament, din l-isfiducja hija xi ftit reciproka! Irridu naccettaw - u certament minn dak li intqal l-lejla dan jaccettawh - li r-rwol tal-politiku hija mportanti w importanti hafna! Li ghandna bzonn hija, mhux biss li nirrispettaw 'l xulxin u jkollna fiducja f'xulxin, imma element importanti huwa li nikkoperaw ma' xulxin. Ma nahsibx li jkun tajjeb li nemendaw il-ligi - l-Interpretation Act - u nghidu li, ghaliex id-diskrezzjoni hi ezercitabbli minn kap ta' dipartiment, b'hekk dak il-kap ta' dipartiment jagixxi bl-iktar mod assolut f'kull cirkostanzi bhallikieku responsabbli hu, u l-politiku ma jistax jindahal. Nahseb li l-linja trid tkun cara, u jekk ikun hemm diskrezzjoni ezercitabbli minn kap ta' dipartiment, dak ghandu id-dmir li jezercitaha, izda jista' jkun ukoll li min ghandu responsabbilta' politika jerfa' fil-berah r-responsabbilta' u jista' jaghti direzzjonijiet li ma jaqblux ma' l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni. L-importanti hu, izda, li jkun hemm it-trasparenza; l-importanti li jkun hemm is-sens ta' responsabbilta'; u nahseb li biex dal-process ta' riforma jirnexxi, rridu nergghu noholqu f'kulhadd is-sens ta' responsabbilta' - r-responsabbilizzazzjoni ta' kull wiehed minnha -

li, ghal ragunijiet diversi, mhux l-inqas minhabba dan l-iskontru politiku f'pajjizna, nahseb li naqqset hafna.

Biex wiehed jezercita r-responsabbilta' jrid ikollu l-kapacita' ghaliha. Biex wiehed ikollu l-kapacita', jakkwistaha, hafna drabi, mhux biss bid-doti li jista' jkollu, imma billi jhejji ruhu ghaliha. Ghalhekk nahseb li wiehed mill-meriti kbar tar-rapport tal-Kummissjoni huwa l-enfasi li nsibu fih fuq il-preparazzjoni, l-enfasi fuq ir-'reward' ghal min ikun ippreparat u jezercita, b'mod efficjenti, r-responsabbilta' tieghu.

Nahseb li din ir-responsabbilta' trid tfisser sens ta' inizjattiva, sens ta' inizjattiva li, sfortunatament, - u hawn ma nixtieqx niggeneralizzza ghaliex, kif ghidt, hawn min juriha wkoll - nahseb li naqas hafna fis-servizz pubbliku ghal ragunijiet li m'hemmx ghalfejn nidhlu fihom, pero' fosthom dak li ghadni kif semmejt. Lili ddejjaqni hafna li minkejja d-diskors li l-politici jindahlu zzejjed, il-politici jippruvaw jaghmlu kollox huma, fl-istess hin, hawn hafna 'inertia', u jekk ma jittiehdux l-azzjonijiet politici, hafna drabi ma jiccaqlaq xejn. Din hi sitwazzjoni li wkoll trid tinbidel f'pajjizna. Jehtieg li l-process ta' djalogu, ta' l-inizjattivi, tassew jiehu r-ruh f'pajjizna.

Minn naha tal-Gvern nassigurakom li hemm impenn shih. Jien hadt pjacir li stedintuni u accettajt mill-ewwel li nigi nghid ftit kliem fl-eghluq. Mhux accettajt biss, imma ridt nigi ftit qabel hawn biex inhoss u nara jien stess il-'feeling' li hawn fuq dan ir-rapport. Irrid nimmedesima ruhi jiena stess ma' dak li qeghdin

thossu intom. Il-boghod minn mohh il-Gvern u minn mohhi, li naslu ghal xi diktat u nghidu: "Dawn huma d-decizjonijiet, u se nimponuhom!". Kieku naghmlu hekk, ikun l-ahjar ricetta ghal fjask enormi fir-riforma li rridu. Pero', rridu djalogu nfurmat, irridu diskussjoni li tkun veramént ispirata ghall-ahjar gid, mhux tas-settur biss li wiehed jirraprezenta u jkun qed jitkellem ghalih, imma nistenna li d-diskussjoni tkun wahda fl-ahjar interess ta' dan il-pajjiz.

Jien nawgura li dan il-forum huwa pass tajjeb hafna 'l quddiem: gieghlna lkoll inkunu aktar konxji tal-partijiet li donnu hemm qbil generali fuqhom fir-rapport u, mportanti wkoll, fejn ma ahniex naqblu. Irrid nghid ukoll li l-pozizzjoni tal-Gvern fuq dan hi li rceva r-rapport u ppubblikah kif ircevih. Stajna ghidna; "Ahna rcevejna dan ir-rapport: hemm affarijiet fih li naccettawhom minghajr diffikulta'; hemm ohrajn li rridu niddiskutuhom; hemm ohrajn li ma naccettawhomx". Jien deherli - u rrid nghid li kienet konvinzjoni ferma tieghi - li, ladarba ghamilna kummissjoni u ghamlet dan ir-rapport, id-dmir taghna kien li nippubblikawh kif inhu, minghajr ebda tibdil - tibdil fis sens li wiehed seta' pppubblika parti minnu - u jkun hawn diskussjoni shiha, pubblika, aperta, franka, fuq kollox.

Dan hu process li issa ma nistghux nirrimandawh. Issa rridu nibdew il-process ta' diskussjoni mal-partijiet interessati, u l-partijiet interessati ma jidhirlix li huma biss il-unions li jirraprezentaw il-haddiema tal-gvern, ghax l-effett tar-riforma huwa ferm aktar wiesgha mill-effett li jista' jkollu fuq in-numru

li jifformaw is-servizz pubbliku. Irridu li jsiru dawn id-diskussjonijiet kemm jista' jkun malajr, u nibdew process ta' mplimentazzjoni. Kif ghidt, jiena cert li hu process li jkun mibni fuq fiducja reciproka, fuq koperazzjoni. Ilkoll konxji li dan hu process li se jkun ta' gid, mhux biss ghall-membri tas-servizz pubbliku, imma process mehtieg, u ta' gid ghal pajjizna.

Grazzi hafna.